



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 29 ta' Ġunju 2012
(OR. en)**

EUCO 76/12

**CO EUR 4
CONCL 2**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġetti: **KUNSILL EWROPEW
28/29 ta' Ġunju 2012**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (28/29 ta' Ġunju 2012).

Matul l-aħħar sentejn u nofs, l-Unjoni Ewropea ħadet passi importanti u estensivi biex tingħeleb il-kriżi u ttejjeb il-governanza tal-UEM. Madankollu, għal darb'oħra l-Ewropa qiegħda tgħaddi minn perijodu ta' tensjonijiet għolja. Il-kriżi rigward id-dejn sovrani u d-dgħjufija tas-settur finanzjarju, flimkien ma' tkabbir baxx persistenti u żbilanċi makroekonomiċi, qed inaqqsu r-ritmu tal-irkupru ekonomiku u joħolqu riskji għall-istabbiltà tal-UEM. Dan qed ikollu impatt negattiv f'termini ta' qgħad u jista' jxekkel il-potenzjal tal-Ewropa li tibbenefika minn titjib gradwali tal-perspettiva ekonomika globali.

Għaldaqstant aħna impenjati li nieħdu azzjoni determinata biex nindirizzaw it-tensjonijiet tas-swieq finanzjarji, terġa' tinkiseb il-fiduċja u jingħata rilanċ lit-tkabbir. Naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nippreservaw l-UEM u npoġġuh fuq bażi aktar solida għall-futur. It-tkabbir b'saħħtu, intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, ibbażat fuq finanzi pubbliċi sani, riformi strutturali u investiment biex tingħata spinta lill-kompetittività, jibqa' l-priorità ewlenija tagħna.

Hu għalhekk li llum il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar "Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi", li jinkludi azzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea bil-għan tar-rilanċ tat-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi kif ukoll biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva. Approvajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi biex jiggwidaw il-politiki u l-baġits tal-Istati Membri. Fl-aħħar nett enfazzzajna r-rwol li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li ġej għandu jkollu fit-tisħiħ tat-tkabbir u l-impjiegi. Il-President tal-Kunsill Ewropew ippreżenta r-rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina".

Ninsabu determinati li nieħdu l-miżuri meħtieġa biex tkun żgurata Ewropa finanzjarjament stabbli, kompetittiva u prospera u b'hekk jissaħħaħ il-benesseri taċ-ċittadini.

I. TKABBIR, INVESTIMENT U IMPJIEGI

1. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tagħmel dak kollu meħtieġ biex l-Ewropa terġa' lura fit-triq tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Waqt li jfakkru fl-importanza tal-konsolidazzjoni fiskali, ir-riforma strutturali u l-investiment immirat għat-tkabbir sostenibbli, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar "Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi", li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni f'livell nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro, permezz tal-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli (ara l-anness).
Huma stiednu lill-Kunsill biex jeżamina rapidament kif tistà titjeb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-ħin tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Patt li jeħtieġu leġiżlazzjoni tal-UE.

2. Il-Kunsill Ewropew approva b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Istati Membri ser jinkludu fid-deċiżjonijiet nazzjonali tagħhom li ġejjin dwar il-baġits, ir-riformi strutturali u l-politiki dwar l-impjegi, biex b'hekk is-Semestru Ewropew 2012 jiġi fi tmiemu.
3. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri parteċipanti qablu dwar is-soluzzjoni għall-aħħar kwistjoni pendenti tal-pakkett dwar il-privattivi, jiġifieri s-sede tad-Diviżjoni Ċentrali tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi (QUP). Dik is-sede, flimkien mal-uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ser tkun tinsab f'Pariġi. L-ewwel President tal-Qorti tal-Prim'Istanza għandu jiġi mill-Istat Membru li jospita d-diviżjoni ċentrali.

Minħabba n-natura speċjalizzata ħa fna tal-litigazzjoni dwar il-privattivi u l-ħtieġa li jinżammu standards ta' kwalità għolja, ser jinħolqu gruppi tematiċi f'żewġ taqsimiet tad-Diviżjoni Ċentrali, waħda f'Londra (kimika, inklużi l-farmaċewtiċi, klassifikazzjoni C, neċessitajiet umani, klassifikazzjoni A), u l-oħra fi Munich (iġinerija mekkanika, klassifikazzjoni F).

Dwar l-azzjonijiet li għandhom jitressqu quddiem id-diviżjoni ċentrali, kien hemm qbil li l-partijiet ser ikollhom l-għażla li jressqu azzjoni ta' ksur quddiem id-diviżjoni ċentrali jekk il-konvenut ikun domiċiljat barra mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, jekk azzjoni ta' revoka tkun diġà pendenti quddiem id-diviżjoni ċentrali, id-detentur tal-privattiva għandu jkollu l-possibbiltà li jressaq azzjoni ta' ksur quddiem id-diviżjoni ċentrali. Mhux ser ikun possibbli li l-konvenut jitlob trasferiment ta' kawża ta' ksur minn diviżjoni lokali għad-diviżjoni ċentrali jekk il-konvenut ikun domiċiljat fl-Unjoni Ewropea.

Nissuġġerixxu li l-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja li għandu jiġi adottat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew jitħassru.

II. RAPPORT DWAR L-UEM

4. Ir-rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina" ippreżentat mill-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mal-Presidenti tal-Kummissjoni, il-Grupp tal-Euro u l-BĊE, jistabbilixxi "erba' elementi essenzjali" għall-UEM futura: qafas finanzjarju integrat, qafas baġitarju integrat, qafas ta' politika ekonomika integrat u leġittimità u responsabbiltà demokratika msaħħa.

Wara skambju miftuħ ta' fehmiet, fejn ġew espressi diversi opinjonijiet, il-President tal-Kunsill Ewropew ġie mistieden biex jiżviluppa, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-BĊE, pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina, li ser jinkludi proposti konkreti dwar il-preservazzjoni tal-unità u l-integrità tas-Suq Uniku fis-servizzi finanzjarji u li ser jieħu kont tad-dikjarazzjoni dwar iż-Żona tal-Euro u, fost oħrajn, tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposti taħt l-Artikolu 127.

Huma ser jeżaminaw dak li jista' jsir fi ħdan it-Trattati attwali u liema miżuri jkun jeħtieġu tibdil fit-Trattati. Sabiex jiżguraw is-sjeda tagħhom, l-Istati Membri ser ikunu assoċjati mill-qrib mar-riflessjonijiet u ser jiġu kkonsultati regolament. Ser ikun hemm ukoll konsultazzjonijiet mal-Parlament Ewropew. Ser jiġi ppreżentat rapport proviżorju f'Ottubru 2012 u rapport finali qabel tmiem is-sena.

III. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

5. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni fil-fond mal-President tal-Parlament Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) futur.

6. Il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub taħt il-presidenza Daniża, li jipprovdi bażi u orjentazzjonijiet għall-aħħar stadju tan-negozjati matul il-presidenza Ċiprijotta li jmiss. Il-Kaxxa tan-Negozjar ser tiġi żviluppata aktar bl-għan li jintlaħaq qbil sa tmien l-2012, waqt li jkun rispettata il-prinċipju li ma jkun hemm qbil fuq xejn qabel ma jintlaħaq qbil fuq kollox. Għandha titħaffef il-ħidma wkoll dwar it-testi leġislattivi rilevanti bil-ħsieb ta' adozzjoni rapida, li ssegwi l-proċeduri stabbiliti fit-Trattat. F'dan il-proċess, l-istituzzjonijiet kompetenti kollha huma mistiedna jikkooperaw mill-qrib, f'konformità mal-kompetenzi tat-Trattat.

IV. PUNTI OĦRAJN

- (a) Il-Kunsill Ewropew laqa' d-dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012 u l-użu tal-istrumenti eżistenti tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja / Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà li ser jiġu implimentati skont linji gwida eżistenti li jiddettaljaw il-proċeduri rilevanti.
- (b) Tkabbir: il-Kunsill Ewropew approva d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill biex jinfetħu negozjati dwar l-adeżjoni mal-Montenegro fid-29 ta' Ġunju 2012.
- (c) Ġustizzja u Affarijiet Interni: il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress miksub fir-Regolament ta' Dublin, id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza u d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, u fir-rigward tar-risistemazzjoni. Huwa tenna l-impenn tiegħu biex titlesta s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil sal-aħħar tal-2012. Huwa ssottolinja wkoll l-importanza tal-moviment ħieles fi ħdan iż-żona Schengen u nnota l-istat attwali fuq il-proposti relatati mal-governanza tagħha u r-Regolament dwar il-Viżi. Huwa ssottolinja l-importanza tas-solidarjetà u l-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, l-asil u l-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Huwa saħaq ukoll dwar l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi tal-viċinat. Huwa ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet kif meħtieġ.

- (d) Enerġija nukleari: il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fir-rapport mill-ENSREG wara l-ikkompletar tas-simulazzjonijiet ta' kriżi tas-sikurezza nukleari. Il-Kummissjoni u l-ENSREG qablu li tinħtieġ aktar ħidma. Il-Kunsill Ewropew innota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta komunikazzjoni komprensiva aktar tard din is-sena. Huwa appella għal implimentazzjoni rapida tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Ad Hoc dwar is-Sigurtà Nukleari. Huwa appella għal aktar sforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-ġirien kollha tal-UE dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari.
- (e) Sirja: il-Kunsill Ewropew:
- ikkundanna bil-qawwa l-vjolenza brutali u l-massakri taċ-ċivili u ħeġġeġ lir-reġim Sirjan biex jieqaf minnufih mill-attakki tiegħu kontra l-popolazzjoni ċivili;
 - appella għal investigazzjoni internazzjonali trasparenti, indipendenti u immedjata tal-ksur tal-liġi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem bl-għan li jkun żgurat li dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom;
 - appella għal waqfien totali tal-vjolenza mill-partijiet kollha; tenna li r-responsabbiltà prinċipali għall-kisba ta' waqfien mill-ġlied, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' sitt punti tal-Mibgħut Speċjali Kofi Annan, l-għoti ta' aċċess sħiħ u bla xkiel għall-għajnuna umanitarja u l-iżgurar tas-sikurezza tal-osservaturi tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Sirja tinsab f'idejn ir-reġim;
 - ħeġġeġ lill-gruppi tal-oppożizzjoni Sirjani biex jaqblu dwar sett ta' prinċipji komuni għall-ħidma lejn transizzjoni inklużiva, ordnata u paċifika fis-Sirja lejn futur ħieles minn Assad u r-reġim brutali tiegħu;
 - fakkar fl-appoġġ sħiħ tiegħu għall-pjan ta' Kofi Annan u faħħar l-isforzi tiegħu biex jaħdem ma' sħab internazzjonali ewlenin biex imexxi l-proċess politiku 'l quddiem;
 - appella għal azzjoni magħquda mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex tiżdied aktar pressjoni robusta u effettiva, inkluż l-adozzjoni ta' sanzjonijiet komprensivi taħt il-Kapitolu VII; u, f'dan il-kuntest, laqa' l-adozzjoni ta' aktar miżuri restrittivi mill-Kunsill tal-UE u qabel li jibqa' jikkunsidra miżuri ulterjuri.

- (f) Iran: Il-Kunsill Ewropew saħaq fuq it-tħassib serju tiegħu dwar in-natura tal-programm nukleari tal-Iran u l-ħtieġa urġenti li l-Iran jikkonforma mal-obbligi internazzjonali kollha tiegħu, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa mill-Iran tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU u tal-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA. Il-Kunsill Ewropew japprova bis-sħiħ l-isforzi tar-Rappreżentant Għoli u tal-E3+3 f'dak ir-rigward. Fid-dawl tat-taħditiet riċenti bejn l-E3+3 u l-Iran f'Istanbul, Bagdad u Moska, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Iran biex jiddeċiedi jekk huwiex lest li jimpenja ruħu għal proċess ta' negozjar serju mmirat biex titreġġa' lura l-fiduċja fin-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari Iranjan. L-Iran irid jinvolvi lilu nnifsu b'mod kostruttiv billi jiffoka fuq l-ilħuq ta' qbil dwar passi konkreti għall-bini ta' fiduċja u fuq l-indirizzar tat-tħassib tal-komunità internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dħul fis-seħħ sħiħ tal-embargo tal-UE fuq iż-żejt Iranjan fl-1 ta' Lulju 2012.
- (g) Drittijiet tal-bniedem u demokrazija: il-Kunsill Ewropew laqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Qafas Strateġiku tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni relatat u ssottolinja l-importanza taż-żamma tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fiċ-ċentru tal-politika barranija tal-UE.
- (h) Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA): il-Kunsill Ewropew laqa' t-tieni rapport annwali dwar l-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea u tenna l-impenn tiegħu favur il-kisba tal-miri tal-għajjnuna għall-iżvilupp sal-2015 kif stabbiliti fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2005.
-

"PATT GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern

Filwaqt li jesprimu d-determinazzjoni tagħhom li jistimolaw tkabbir intelliġenti, sostenibbli, inklużiv, b'użu effiċjenti ta' riżorsi u li joħloq l-impjiegi, fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020,

Filwaqt li jisħqu dwar il-hteġa li f'kull livell ta' governanza tal-Unjoni Ewropea jiġu mobilizzati l-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha għal dak l-għan,

Filwaqt li jfakkru fl-importanza ta' finanzi pubbliċi sani, riforma strutturali u investment immirat għal tkabbir sostenibbli,

Iddeċidew dwar il-Patt li ġej:

AZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED FIL-LIVELL TAL-ISTATI MEMBRI

- 1) L-Istati Membri kollha jibqgħu impenjati bis-siġh biex jieħdu l-azzjoni immedjata meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jinkisbu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-għodod ġodda tal-Unjoni Ewropea għall-governanza ekonomika għandhom jiġu applikati b'mod siġh u effettiv u r-rikors għal "pressjoni tal-pari" għandu jissaħħa. Il-proposti pendenti bil-ħsieb tal-ikkompletar ta' dan il-qafas (it- "two-pack") għandhom jiġu adottati bla dewmien.
- 2) Fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, l-Istati Membri ser jagħmlu enfasi partikolari fuq l-aspetti li ġejjin:

- (a) tiġi segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata favorevoli għat-tkabbir, waqt li jiġi rrispettat il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiżi; għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-investiment foqasma orjentati lejn il-futur relatati direttament mal-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib l-impatt tal-limitazzjonijiet stretti tal-baġit fuq l-infiq pubbliku li jsaħħaħ it-tkabbir u fuq l-investiment pubbliku. Hija ser tirrapporta dwar il-kwalità tal-infiq pubbliku u l-ambitu għal azzjoni possibbli fil-limiti tal-oqfsa fiskali tal-UE u dawk nazzjonali;
- (b) ir-ritorn għas-self normali lill-ekonomija u t-tlestija urġenti tar-ristrutturar tas-settur bankarju;
- (c) il-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, notevolment billi jiġu indirizzati żbilanċi profondi u jsir żvilupp fir-riformi strutturali biex jinfetaħ il-potenzjal domestiku għat-tkabbir, inkluż permezz tal-ftuħ tal-kompetizzjoni fl-industriji li jużaw netwerk, il-promozzjoni tal-ekonomija diġitali, l-isfruttar tal-potenzjal ta' ekonomija ekoloġika, it-tneħħija ta' restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq il-fornituri ta' servizzi u li jsir aktar faċli li tibda negozju;
- (d) it-trattament tal-qgħad u tal-konsekwenzi soċjali tal-kriżi b'mod effettiv; l-insewiment ta' riformi biex itejbu l-livelli tal-impjieg; it-tisħiħ tal-isforzi biex jiżdied l-impjieg fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari biex jitjiebu l-ewwel esperjenza tax-xogħol taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, bl-għan li fi żmien ftit xhur wara li jħallu l-iskola, iż-żgħażaġh jirċievu offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, tkompli tal-dukazzjoni, apprendistat, jew taħriġ, li tista' tkun appoġġata mill-FSE; u żvilupp u implimentazzjoni ta' politiki effettivi biex jikkumbattu l-faqar u jappoġġaw il-gruppi vulnerabbli. L-Istati Membri ser jimplimentaw malajr il-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjieg tagħhom u jżviluppaw Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjieg aktar ambizzjużi u preċiżi għas-Semestru Ewropew li jmiss. L-Istati Membri għandhom jużaw il-possibiltajiet ta' finanzjament ta' sussidji għal reklutaġġ temporanju mill-Fond Soċjali Ewropew;

- (e) il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari billi jiġi indirizzat id-dewmien fis-sistema ġudizzjarja, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġu żviluppati servizzi tal-gvern elettroniku. L-aħjar prattiki f'dan ir-rigward għandhom jiġu kkondivizi.

***IL-KONTRIBUT TAL-POLITIKI EWROPEJ GĦAT-TKABBIR
U L-IMPJIEGI***

- 3) Huma meħtieġa aktar miżuri urġenti fil-livell tal-Unjoni Ewropea sabiex jissaħħu t-tkabbir u l-impjiegi, jittejjeb il-finanzjament tal-ekonomija fil-perijodu qasir għal dak medju u biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva bħala lokalità għall-produzzjoni u l-investment.
- (a) L-approfondiment tas-Suq Uniku permezz tat-tneħħija tal-ostakoli li fadal ser ikun fattur ewlieni fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari fl-industriji diġitali u tan-netwerks. Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta aktar miżuri li jsaħħu t-tkabbir għal dak il-għan fil-ħarifa 2012 bħala parti mit-tieni Att dwar is-Suq Uniku. Diġà sar progress sinifikanti dwar il-miżuri li huma parti mill-ewwel Att dwar is-Suq Uniku, inkluża l-adozzjoni tal-proposta dwar l-istandardizzazzjoni u l-qbil milħuq fil-Kunsill dwar il-proposti dwar il-kontabbiltà, il-kapital ta' riskju u l-fondi ta' imprenditorija soċjali u dwar is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u soluzzjoni online għat-tilwim. Għandu jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar il-proposti dwar l-akkwist pubbliku, dwar il-firma elettronika u dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali. Qiegħda tintlaqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-governanza tas-Suq Uniku. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jiżguraw implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli dwar is-Suq Uniku u l-Kummissjoni ser tissorvelja l-prestazzjoni, inkluż permezz ta' rapport annwali fil-qafas tas-Semestru Ewropew. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi hija wkoll milqugħa tajjeb u għandha tiġi implimentata immedjatement, inkluż permezz ta' revizzjoni rigoruża mill-pari tar-restrizzjonijiet nazzjonali u ta' azzjoni rapida biex jitneħħew l-ostakoli mhux ġustifikati. Fl-ambitu ta' din id-Direttiva jistgħu jinkisbu vantaġġi ekonomiċi addizzjonali sa EUR 330 biljun. Il-Kunsill Ewropew ser jeżamina mill-ġdid il-progress sa tmiem l-2012.

- (b) Huwa meħtieġ progress rapidu sabiex sal-2015 jinkiseb Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona tajjeb, li ser jipprovdi dinamiżmu għid lill-ekonomija Ewropea. B'mod partikolari, għandha tingħata prijorità lill-miżuri maħsubin biex jiżviluppaw aktar il-kummerċ transkonfinali online, inkluż permezz tal-iffaċilitar tat-transizzjoni għal fatturazzjoni elettronika, u l-promozzjoni tal-użu transkonfinali tal-identifikazzjoni elettronika u servizzi elettroniċi oħrajn. Huwa kruċjali wkoll li tingħata spinta lid-domanda għall-proċess tal-introduzzjoni tal-internet b'veloċità qawwija, l-immodernizzar tar-reġim tad-drittijiet tal-awtur Ewropew u l-iffaċilitar tal-ġoti ta' liċenzji, waqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u b'kont meħud tad-diversità kulturali.
- (c) Huma meħtieġa aktar sforzi biex jitnaqqas il-piż regolatorju ġenerali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-Kummissjoni ser tippreżenta komunikazzjoni dwar passi ulterjuri lejn "regolamentazzjoni intelliġenti", inkluż miżuri għall-appoġġ tal-mikrointrapriżi, sa tmiem l-2012.
- (d) L-ikkompletar sħiħ tas-suq intern tal-enerġija sal-2014 f'konformità mal-iskadenzi miftiehma u l-iżgurar li l-ebda Stat Membru ma jibqa' iżolat min-netwerks Ewropej tal-gass u tal-elettriku wara l-2015 ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kompettività, it-tkabbir u l-impjiegi tal-UE. Wara l-adozzjoni formali tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, l-Istati Membri għandhom jimplimentawha malajr, b'użu sħiħ tad-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi f'dan is-settur. Għandu jintlaħaq ftehim malajr dwar il-proposta dwar l-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija.
- (e) Għandhom ikomplu l-isforzi sabiex jiġi żgurat li l-isforzi tar-riċerka jissarrfu malajr f'innovazzjonijiet li jissodisfaw il-bżonnijiet tas-suq u b'hekk isaħħu l-kompettività Ewropea u jgħinu fit-tweġiba għall-isfidi tas-soċjetà. Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka għandha tissaħħaħ, b'mod partikolari billi jittejbu l-appoġġ għar-R&Ż u l-opportunitajiet ta' investiment għall-bidu ta' negozji u SMEs innovattivi. Il-programm futur għall-kompettività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME) u l-programm Orizzont 2020 ser jgħin lil SMEs innovattivi fl-aċċess għall-finanzjament. Huwa ta' importanza partikolari li jissaħħu t-teknoloġiji ġeneriċi essenzjali li huma ta' importanza sistemika għall-innovazzjoni u l-kompettività tal-industrija u l-ekonomija kollha, inkluż f'oqsma bħan-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija u materjali avvanzati.

- (f) Għal xi pajjiżi, il-politika ta' koeżjoni riformata toffri opportunità biex jinvestu barra mill-kriżi minħabba li hija għodda ewlenija għall-investiment, it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi fil-livell ta-l-UE u għal riformi strutturali fil-livell nazzjonali. Hija tirrappreżenta sehem importanti mill-investimenti pubbliċi fl-UE u tikkontribwixxi għall-approfondiment tas-suq intern.
- (g) Il-qbil milħuq illum dwar il-Privattiva Unitarja ser inaqqas b'mod konsiderevoli l-ispejjeż għall-SMEs u jagħti spinta lill-innovazzjoni, billi jipprovdi privattiva bi prezzijiet aċċessibbli u li hija ta' kwalità għolja, b'gurdizzjoni unika speċjalizzata.
- (h) Huwa kruċjali li l-finanzjament tal-ekonomija jingħata spinta. Qegħdin jiġu mobilizzati EUR 120 biljun (ekwivalenti għal madwar 1% tad-dħul nazzjonali gross UE) għal miżuri ta' tkabbir li jaġixxu malajr:
- Il-kapital imħallas tal-BEI għandu jżied b'EUR 10 biljun, bil-ħsieb li jsaħħaħ il-bażi tal-kapital tiegħu kif ukoll li jżid il-kapaċità tas-self globali tiegħu b'EUR 60 biljun, u b'hekk jizblokkja sa EUR 180 biljun ta' investiment addizzjonali, mifrux madwar l-Unjoni Ewropea kollha, inkluż fil-pajjiżi l-aktar vulnerabbli. Din id-deċizzjoni għandha tittieħed mill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI sabiex jiġi żgurat li tidħol fis-seħħ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.
 - Il-fażi pilota tal-Bond għall-finanzjament ta' Proġetti għandha tinbeda immedjatament, u ser iġġib investimenti addizzjonali sa EUR 4.5 biljun għal proġetti pilota fl-infrastruttura prinċipali tat-trasport, l-enerġija u l-broadband. Dment li r-rapport interim u l-evalwazzjoni tal-fażi pilota jkunu pożittivi, il-volum ta' strumenti finanzjarji bħal dawn jista' jiġi żviluppat aktar fil-pajjiżi kollha fil-futur, inkluż fl-appoġġ għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

- Fejn ikun adatt, u waqt li jirrispettaw ir-regoli ta' diżimpenn, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jaħdmu mal-Kummissjoni skont regoli u prattiki eżistenti fl-użu ta' parti mill-allokkazzjoni ta' tagħhom tal-Fondi Strutturali biex jaqsmu r-riskju tas-self tal-BEI u jipprovdu garanziji ta' self għall-għarfien u l-ħiliet, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-infrastruttura strateġika u l-aċċess għall-finanzjament tal-SMEs. Il-Fondi Strutturali allokaw mill-ġdid fondi biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-SMEs u l-impjiegi fost iż-żgħażaġh u EUR 55 biljun oħra ser jingħataw għall-miżuri li jsaħħu t-tkabbir fil-perijodu attwali. Għandu jissaħħaħ aktar l-appoġġ għall-SMEs, inkluż billi jiġi żgurat l-aċċess eħfef ta' tagħhom għall-fondi tal-UE.

L-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li jikkunsidraw ir-riallokkazzjonijiet fil-pakketti nazzjonali ta' tagħhom, taħt regoli eżistenti u f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

- L-azzjoni tal-Fond Ewropew tal-Investiment għandha tiġi żviluppata, b'mod partikolari rigward l-attività tal-kapital ta' riskju tiegħu, b'kollegament mal-istrutturi nazzjonali eżistenti.

- (i) Il-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jkun katalist għat-tkabbir u l-impjiegi madwar l-Ewropa, partikolarment billi jisfrutta investimenti produttivi u fil-kapital uman. Fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur, għandu jiġi mobilizzat infiq b'appoġġ għat-tkabbir, l-impjiegi, il-kompetittività u l-konverġenza, f'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020.

- (j) Il-politika dwar it-taxxa għandha tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni fiskali u t-tkabbir sostenibbli. Għandhom jitkomplew il-ħidma u d-diskussjonijiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni tal-enerġija, dwar il-bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva u dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq it-Tfaddil. Kif innotat fil-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012, il-proposta għal Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji mhux ser tiġi adottata mill-Kunsill f'perijodu raġonevoli. Diversi Stati Membri għalhekk ser iniedu talba għal kooperazzjoni msaħħa f'dan il-qasam, bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha sa Diċembru 2012. Il-Kummissjoni qed tkompli l-ħidma fuq mezz konkriti biex tittejjeb il-għieda kontra l-frodi fiskali u l-evazzjoni tat-taxxa u dalwaqt ser tippreżenta Pjan ta' Azzjoni li jinkludi opzjonijiet għal dak il-għan. Irid jintlaħaq qbil rapidu dwar id-direttivi ta' negozjar għal ftehimiet dwar it-taxxa fuq it-tfaddil ma' pajjiżi terzi. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Patt Euro Plus ser ikomplu d-diskussjonijiet strutturati dwar kwistjonijiet ta' politika tat-tassazzjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw l-iskambji tal-aħjar prattiki.
- (k) Li tingħata spinta lill-impjiegi, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u dawk qiegħda fit-tul, hija prijorità ċara. Il-Kunsill ser jeżamina malajr u jiddeċiedi dwar il-proposti li jinsabu fil-"Pakkett tal-Impjiegi" tal-Kummissjoni, b'enfasi fuq il-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità, ir-riforma strutturali tas-swieq tax-xogħol u l-investment fil-kapital uman. Huwa kruċjali li jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi tal-Kummissjoni dwar il-garanziji għaż-żgħażaġh u l-qafas ta' kwalità għall-apprendistati. Huwa importanti wkoll li tiġi promossa l-attività mill-ġdid ta' ħaddiema akbar fl-età. Il-governanza tal-UE, inkluża sorveljanza multilaterali tal-politiki dwar l-impjiegi, għandha tittejjeb.

- (l) Għandha tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tax-xogħol fl-UE. Il-portal tal-EURES għandu jiġi żviluppat f'għodda verament Ewropea ta' kollokament u rekłutaġġ; għandha tiġi eżaminata l-possibbiltà li dan jiġi estiż għall-apprendistati u t-taħriġ għax-xogħol kif ukoll għandu jingħata iktar appoġġ għat-tħejjija tal-azzjoni "L-ewwel impjieg EURES tiegħek". Għandhom jiġu żviluppati strumenti ġodda tal-UE biex jittieħed kont aħjar tal-ħiliet ġodda meħtieġa, jittejjeb ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u tal-ħiliet lingwistiċi, jitnaqqas in-numru ta' professjonijiet regolati u jissaħħaħ l-akkwist u l-preservazzjoni tad-drittijiet tal-pensjonijiet transkonfinali u tal-benefiċċji soċjali oħrajn għall-ħaddiema tal-UE. Il-ħidma dwar il-proposta dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati għandha wkoll titmexxa 'l quddiem.
- (m) Il-kummerċ għandu jintuża aħjar bħala mutur għat-tkabbir. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ waqt li fl-istess ħin tasserixxi l-interessi tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku speċjalment fir-rigward tal-akbar ekonomiji tad-dinja. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi għandha tiġi eżaminata b'mod rapidu. Waqt li t-tisħiħ tas-sistema multilaterali jibqa' objettiv kruċjali, in-negozjati bilaterali li għaddejjin u potenzjali li jmiss għandhom importanza ekonomika partikolarment għolja. Aktar sforzi għandhom b'mod partikolari jiġu mmirati lejn it-tneħħija tal-ostakoli tal-kummerċ, aċċess aħjar għas-suq, kundizzjonijiet adegwati għall-investment, il-protezzjoni tal-proprietà intellettuali u l-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku. Il-ftehimiet li ġew finalizzati jeħtieġ jiġu ffirmati u ratifikati rapidament. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapor u l-Kanada għandhom jiġu ffinalizzati sa tmiem is-sena; in-negozjati mal-Indja jeħtieġu impuls ġdid miż-żewġ naħat, u għandha tkompli l-ħidma biex tiġi approfondita r-relazzjoni kummerċjali tal-UE mal-Ġappun. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern jistennew b'interess ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli UE-Stati Uniti dwar l-Impjiegi u t-Tkabbir u jimpenjaw ruħhom li jaħdmu lejn l-objettiv tat-tnedija fl-2013 tan-negozjati dwar ftehim transatlantiku komprensiv dwar il-kummerċ u l-investment.

- (n) L-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għat-tkabbir. Ir-rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina" jiddeskrivi ideat importanti f'dan ir-rigward. Hemm oqsma fejn l-Istati Membri li jikkondividu munita unika, u oħrajn li huma lesti jagħmlu parti mill-isforz, jixtiequ jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkoordinaw u jintegraw il-politiki finanzjarji, fiskali u ekonomiċi tagħhom fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, waqt li jirrispettaw kompletament l-integrità tas-Suq Uniku u tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.
-